DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................      DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

Notamenti

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*3 Att, 3 Xena, p.99 (f)*

### PETRA

**GĦAX JIEN UKOLL KONT NOĦLOM.**

Għax jien ukoll kont noħlom. Imma taf biex kont noħlom jien, Samwel? Kont noħlom b'raġel – raġel twil u mibrum – raġel b'għajnejh żoroq – xagħru twil u qastni. U jien nistennieh… U l-pass tiegħu fuq il-ħaxix, hekk kif jersaq lejja minn warajja kien ikun ħafif. Kienet dejjem l-istess ħolma, dak iż-żmien.

/ Issa? – issa inqas u inqas. Filgħaxija dejjem insibha itqal biex norqod – nistenna biss li nisma' l-pass tqil u goff fil-kurutur barra l-kamra.

/ Eżra wkoll forsi – wieħed minnhom. Pass meqjus li jieqaf wara l-bieb, kull lejl, jistenna. U x-xewqa li niftaħlu u nħallih jidħol tikber dejjem aktar ġewwa fija – u darba meħlus il-mostru, x'jibqa' jista' jitturmentak?

Biex forsi xi darba ninsa darba għal dejjem ir-raġel twil u mibrum b'għajnejh żoroq, ir-raġel xagħru twil u qastni, u l-pass ħafif tiegħu fuq il-ħaxix hekk kif jersaq lejja…

Biex forsi xi darba nkun bħalkom ilkoll, jien ukoll. *(144)*

PDF p. 99

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** .................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.